MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2015

Rikors Numru. 274/2015

**Ian Pellicano u Dorianne Pellicano**

**vs**

**Joe Bonnici**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Joe Bonnici li permezz tieghu il-Qorti intalbet thassar mandat ta` sekwestru Nru. 310/15 "stante depozitu tas-somma pretiza u spejjez inkorsi permezz ta' cedola ta' depozitu b'garanzija bankarja."

Rat it-twegiba tal-konjugi Pellicano.

Rat id-dokumenti.

Semghet lid-difensuri.

Ikkunsidrat illi l-konjugi Pellicano qeghdin jopponu ghall-hrug tal-fuq imsemmi kontro mandat ghal zewg ragunijiet. L-ewwelnett huma jsostnu li l-garanzija m'hijiex idoneja sakemm tibqa' applikabbli l-Art. 1959 tal-Kodici Civili, li testwalment jipprovdi illi:

> *"Il-garanti, ukoll jekk obbligat in solidum, huwa meħlus jekk is-surroga fil-jeddijiet, ipoteki u privileġġi tal-kreditur ma tkunx tista' ssir favur tiegħu bi htija tal-kreditur."*

Fil-fehma ta' din il-Qorti din ir-raguni m'hijiex wahda valida. M'ghandhux kreditur jinheles mill-obbligi tieghu li jindokra sew l-interessi tieghu qua kreditur.

Il-konjugi Pellicano imbaghad isostnu li l-garanzija hija revokabbli sakemm tigi accettata mill-istess kreditur. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-offerta maghmula mill-Bank hija offerta

vinkolanti li, fic-cirkostanzi ma tistax tigi validament revokata fit-terminu fiha msemmi.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba u tirrevoka l-mandat ta’ sekwestru Nru. 310/15 u dan meta tigi prezentata l-garanzija originali.

Kull parti tbati l-ispejjez kollha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------